**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Gunju 2025**

**Rikors nru : 246 /2025 AGV ;**

**NGB**

**Vs**

**EB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta' NGB ;**

Tesponi bir-rispett:

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar it-30 ta’ Novembru 2002, fil-knisja ta’ Santa Tereza Birkirkara hekk kif indikat certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A ;

2. ILLI l-partijiet huma genituri ta’ zewgt itfal ossia K li twieled fil-11 ta’ Jannar 2002 u ta’ A li twieldet fil-15 ta’ Gunju 2008 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid annessi u mmarkati bhala Dokument B u C;

3. Illi permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat nhar 27 ta’ Gunju 2018 fl- Atti tan-Nutar Joseph Debono hawn anness u mmarkat Dok D il-partijiet kienu sseparaw u ilhom separati ghal dawn l-ahhar 7 snin. Illi b`hekk gie sodisfatt Artikolu 66B tal-Ligijiet ta ‘Malta;

4. Illi hekk kif jitlob Artikolu 66 B TA Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ma hemm ebda prospett t’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

5. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni l-partijiet kienu jirrinuzjaw ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin .fil-waqt illi kull manteniment dovut mir-ragel ghat-tfal kien gie pacut fuq il-kuntratt mill-ekwiparazzjoni li semmai kienet dovuta lilu fuq d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u b`hekk Artiklou 66 B gie sodisfatt ukoll stante li l-ebda manteniment ma hu dovut.

6. Illi ghalhekk il-krijierji imposti mill-ligi ghall ottjeniment tad-divorzju taht Art 66B huma sodisfatti

7. Illi l-esponenti tixtieq terga tirriverti ghall-kunjom xbubitha ossia ‘G ’.

8. Illi l-kontestawli ma' dan ir-rikors l-esponenti qieghda tannetti l-affidavit taghha stess fejn qed tikkonferma l-fatti personalment immarkati bhala Dokument D u E .

Ghaldaqshekk l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jekk joghgobha tghaddi sabiex:

1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini ta' Art 66C

2) Tordna illi l-esponenti terga tirriverti ghall kunjom xbubitha ossia 'G';

3) Tordna lir-registratur tal-Qrati javza lid-Direttur tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet ai termini ta Art 66 a (4) biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l-konvenut mhux joggezzjona ghat-talba tad-divorzju

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tawtorizza lill-esponenti terga tirriverti ghall kunjom xbubitha ossia 'G';

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**